



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-527/10

**ERSTE Bank Hungary Nyrt
vs
Magyar Állam et**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Legfelsőbb Bíróság)

“Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Proċeduri ta' insolvenza — Regolament (KE) Nru 1346/2000 — Artikolu 5(1) — Applikazzjoni *ratione temporis* — Azzjoni *in rem* istitwita fi Stat mhux membru tal-Unjoni Ewropea — Proċedura ta' insolvenza miftuħa kontra d-debitur fi Stat Membru ieħor — L-ewwel Stat li sar membru tal-Unjoni Ewropea — Inapplikabbiltà”

Sommarju tas-sentenza

1. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Proċeduri ta' insolvenza — Regolament Nru 1346/2000 — Applikazzjoni ratione temporis — Rikonoxximent tad-deċiżjoni li tinftaħ il-proċedura ta' insolvenza — Deċiżjoni li tipproduċi l-effetti tagħha, rikonoxxuti fl-Istat tal-ftuħ, fi Stat li sar Stat Membru tal-Unjoni Ewropea sa mid-data tal-adeżjoni tiegħu*

(Att ta' Adeżjoni tal-2003, Artikolu 2; Regolament tal-Kunsill Nru 1346/2000, Artikoli 16(1), 17(1) u 43)

2. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Proċeduri ta' insolvenza — Regolament Nru 1346/2000 — Applikazzjoni ratione temporis — Drittijiet in rem ta' terzi — Beni tad-debitur, suġġetti għal proċedura ta' insolvenza, li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stat ieħor li sar membru tal-Unjoni wara l-ftuħ ta' din il-proċedura — Applikabbiltà tar-Regolament — Kundizzjonijiet — Beni li għandhom ikunu jinsabu f'dan l-Istat fid-data tal-adeżjoni tiegħu*

(Regolament tal-Kunsill Nru 1346/2000, Artikolu 5(1))

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 30, 33-36)

2. L-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1346/2000, dwar proċedimenti ta' insolvenza, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni hija applikabbli għall-proċeduri ta' insolvenza miftuħa qabel l-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid fl-Unjoni fil-każ fejn, fid-data tal-adeżjoni tiegħu, il-beni tad-debitur, kumpannija fi stat ta' insolvenza bis-sede tagħha fi Stat Membru antik, suġġetti għad-dritt *in rem* ikkonċernat, kienu jinsabu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru l-ġdid.

(ara l-punt 46 u d-dispożittiv)